**Mro. Manoel Pirotta** *DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)] Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL MusLCM LMusTCL (Comp.)*




# L-Antifona *Virgo Prudentissima*

Kull min hu dilettant sewwa tal-festi reliġjużi, speċjalment dawk ta' ġewwa, żgur li jaf x'inhi antifona – dik il-biċċa mużika mhux daqstant twila u tant mistennija li tindaqq bil-vuċijiet u orkestra mdaqqsa waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-jiem tad-Tridu, kif ukoll f'lejlet u nhar il-festa, speċjalment waqt id-dħul fil-knisja tal-vara titulari wara li tkun daret proċessjonalment id-dawra tal-qalba tar-raħal. L-antifona, li bil-Grieg tfisser silta qsajra, u li tkun aktarx meħuda mill-Bibbja, tiġi reċitata jew kantata waqt il-funzjonijiet liturġiċi u l-uffiċċju divin. Dal-versett ta' talb jingħad qabel is-salm u jinbidel skont il-festa li tkun. Fl-antik nett, il-kant tal-antifona kien ikun fl-istil Gregorjan[1], iżda maż-żmien, kompożituri differenti bdew jimmużikawha skont l-istil partikolari tagħhom. U fost il-ħafna surmastrijiet bravi li dari kienu jiktbu minnhom għall-festi Maltin insibu lil Mro. Ferdinandu Camilleri (1859-1942) u l-Antifona tiegħu Virgo Purdentissima għall-parroċċa Gudjana. Dal-artiklu se jittratta propju dil-antifona minn kull aspett biex il-qarrej jagħraf japprezza aktar dil-ġawhra mużikali. Hawn nixtieq niżżi ħajr lil Sergio Grech u lil Deborah Pace, bint is-surmast Tony Pace, talli għoġobhom jgħadduli kopja ta' xi partijiet mill-antifona bħala gwida biex stajt ninseġ dal-artiklu.

Profil: Mro. Ferdinando Camilleri, il-kompożitur tal-antifona Virgo Prudentissima twieled Ħal Luqa fid-29[2] t'April, 1859, minn Vincenzo (Ċensu) Camilleri[3] u Lucenza Fava[4], u tgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali ta' Sant' Andrija Appostlu minn idejn Dun Vinċenz Magri. Mingħand missieru tgħallem idoqq tajjeb il-flawt u l-vjolin, tant li għamel karriera ta' tletin sena sħaħ idoqq bħala prim flawtist tal-Opra fit-Teatru Irjal ta' Malta, u ġieli daqq ukoll fit-teatru ta' Covent Garden, Londra. U mingħand ħuh il-kbir Neriku tgħallem it-teorija tal-mużika, u aktar tard kompla jitkisser fl-arti kuntrapuntali ma' Patri Giuseppe Spiteri Fremond (1804-78). Meta kien għadu żagħżugħ, Ferdinando mar joqgħod f'Tas-Sliema f'villeġġjatura għas-sajf, aktarx f'dar nru 133 fi Triq Blanche Huber, u li mbagħad saret ir-residenza permanenti tiegħu[5]. Fl-1897 iżżewweġ lil Giuseppina Bonnici u rabbew familja. Ferdinando hu meqjus bħala 'Missier il-baned Slimiżi' bit-twaqqaf ta' 'I Cavalieri di Malta' fl-1886 u 'Melita' fl-1899, li iżda ma kellhomx ħajja twila wisq. Tant hu hekk, li fl-1904 waqqaf oħra jisimha




Inno Marcia 'A San Giuliano Ospitaliere'


Mro. Ferdinando Camilleri

'Queen Victoria', iffurmata minn bandisti minn daż-żewġ baned li kienu sfaxxaw. Iżda anki din żarmat wara biss erba' snin. Madankollu għaxar snin wara, l-istess Ferdinando waqqaf il-banda 'Sliema', li għadha tiffunzjoni sal-ġurnata tal-lum. Ma' dil-banda huwa dam sal-1928, meta mbagħad għadda d-direzzjoni tagħha f'idejn ibnu, Giuseppe. Ta' min jgħid li fl-istess żmien li waqqaf l-ewwel banda Slimiża fl-1886, Ferdinando, flimkien ma' ħuh Gavinu, u missieru Ċensu, kienu waqqfu l-banda 'Unjoni' ġewwa raħal twelidhom. Għal dil-banda Luqija, Ferdinando kien kiteb l-'Innu 'l-Madonna taċ-Ċintura' fuq versi ta' Francesco Ferdinando Azzopardi, u li ndaqq għall-ewwel darba fit-30 t'Awwissu tal-1885 fl-okkażjoni ta' dil-festa.

Bejn l-1910 u l-1913, Ferdinando kien ukoll surmast tas-Soċjetà Filarmonika 'Nicolò Isouard' tal-Mosta, u li għaliha kiteb l-marċ reliġjuż 'Con Gioia Cantiamo'. Fl-1911 ukoll, għamel madwar sena bħala surmast tal-banda 'Duke of Connaught's' ta' B'Kara, u bħala l-ewwel surmast għal ftit xhur biss tal-banda Karkariża l-oħra, l-'Għaqda Mużikali Sant'Elena' fl-1919. Fl-istess żmien ukoll, bejn l-1917 u l-1922, insibuh surmast tas-'Soċjetà Mużikali Peace' tan-Naxxar, fejn jingħad li taħtu dil-banda mxiet ħafna 'l quddiem, tant li sal-1921 kellha mal-40 bandist tal-post. Lil dil-banda wkoll ħallielha żewġ innijiet reliġjużi mill-isbaħ, li tkantaw għall-ewwel darba fl-1919: 'O Tfajla Immakulata' u 'Ngħannulek bil-Hlewwa'. Ta' min jgħid li dan l-aħħar innu huwa l-istess wieħed li kien kiteb għall-banda Mostija fl-1911; l-istess ħaġa għall-innu l-ieħor, bl-isem ta' 'A San Giuliano Ospitalieri' (per banda con coro puerili), għall-festa ta' dal-qaddis li tiġi ċċelebrata f'dar-raħal marittmu li jġib ismu; il-kliem ta' dal-innu huwa wkoll bit-Taljan. Minn dan kollu li għedna, wieħed malajr jinduna li l-baned kollha li magħhom kien iħabbat, kienu kollha fin-naħa ta' fuq ta' Malta, aktarx peress li huwa kien jgħix f'Tas-Sliema; wieħed irid iqis li dari, it-trasport ma kienx bħalma hu llum, u ħafna drabi in-nies kienet tmur minn raħal għall-ieħor bil-mixi, jew forsi l-aktar b'karozzin, jew fuq xi karettun.

Tneħħi 'l-banda Slimiża, is-Soċjetà Filarmonika 'Stella Maris', Ferdinando[6], aktar milli kien imdaħħal fit-twaqqif jew it-treġija t'uħud minnhom, aktar kien jippreferi jikkonċentra bħala maestro di cappella fuq il-ħafna u ħafna knejjes li tagħhom il-Cappella Camilleri, imwaqqfa minnu stess, kellha mxerrdin ma' Malta u Għawdex, li minbarra ż-żewġ parroċċi Slimiżi ta' Stella Maris u tas-Sacro Cuor, insibu dawk ta' Birkirkara, il-Għargħur, il-Gudja, Ħ'Attard, Ħal Luqa, Ħal Qormi, il-Ħamrun, l-Imsida, il-Marsa, il-Mellieħa, in-Naxxar, iż-Żurrieq, u n-Nadur f'Għawdex. Mhux ta' b'xejn għalhekk, li skont Robbie Mifsud Bonnici, Ferdinando kiteb bosta mużika sagra. Infatti, it-tabella t'hawn taħt turi wħud minn dax-xogħlijiet li qegħdin insemmu, u li fiha wieħed jinnota mill-ewwel li l-biċċa l-kbira tagħhom huma miktubin proprju għall-festa, aktarx titulari, tal-parroċċi fejn il-Cappella Camilleri kienet toffri s-servizzi tagħha. U ħafna minn dax-xogħlijiet jinkludu jew xi quddiesa jew antifona f'ġieħ il-qaddis li jkun. Il-lista tinkludi wkoll xi xogħlijiet aktarx għall-banda kif jagħtihom fil-ktieb tiegħu Herbert Naudi; liema ismijiet nimmaġina li ġabhom mill-arkivju tal-banda Slimiża stess, u li jiena qed nimmarkahom b'das-sinjal (ø) biex nuri li ħadthom mingħandu. Naturalment, minbarra dax-xogħlijiet, Ferdinando kiteb ukoll ħafna oħrajn għall-Cappella tiegħu, kif ukoll mużika orkestrali u bandistika:

| Data | | Isem tax-xogħol | Ġeneru |
|---|---|---|---|
| 1874 | ø | 'La Speranza' (Nru 1)[7] | Polka |
| 1874 | ø | | Galop[8] |
| 1881 | ø | Sinfonija[9] Nru 3 'L'Astro d'Argento' | Overtura |
| | ø | Sinfonija Nru 4 'Un Raggio di Luce'[10] | Overtura |
| 1881 | ø | Sinfonija Nru 6 'La Rivista' | Overtura |
| 1882 | ø | Gloria in Excelsis | 2 Tenuri u Baxx |
| 1883 | ø | Kyrie u Gloria[11] | Partijiet minn Quddiesa |
| 30.08.1885[12] | ø | Lill-Madonna taċ-Ċintura | Innu Solenni[13] |
| 24.03.1900 | | O Salutaris Hostia[14] | 2 Tenuri, Baxx u kor puerili |
| | | Manum Suam (Sant' Elena, B'Kara) | Antifona |
| | | Virgo Prudentissima (Sta. Marija, Gudja)[15] | Antifona |
| | | Beatus Georgius (San Ġorġ, Ħal Qormi) | Antifona |
| | | Prudens et Vigilans (Sta. Katarina, Żurrieq) | Antifona |
| | | Cum Pervenisset (Sant. Andrija, Ħal Luqa) | Antifona |
| | | Stella Maris Es Virgo Maria (Stella Maris, Sliema) | Antifona |
| | | Querite Primum (Ħamrun)[16] | Antifona |
| 1906[17] | | Stella Maris[18] | Quddiesa |
| | | San Gaetano[19] | Quddiesa |
| | | Alla Filarmonica 'Stella Maris' | Innu |
| 18.08.1906 | ø | A Maria Vergine Stella del Mare[20] | Innu Solenni[21] |
| 1910 | | Con Gioia Cantiamo[22] | Marċ reliġjuż |
| 1919 | | O Tfajla Immakulata | Marċ reliġjuż |
| 1919 | | Ngħannulek bil-Hlewwa | Marċ reliġjuż |
| 1925 | ø | Inno a Noto[23] | Innu |
| 1938 | | 'O Potente Signora del Cuore'[24] | Innu Solenni |

Forma: Qabelxejn tajjeb ngħidu li l-biċċa l-kbira tal-antifoni li nkitbu minn kompożituri Maltin fis-seklu 19 sa l-ewwel nofs tas-seklu 20 għandhom aktarx forma ternarja (ABA$^{1}$) maqsuma fi tliet sezzjonijiet. Ħafna drabi dawn jintgħarfu mit-temp[25] u l-kjavi[26] differenti ta' bejniethom fejn, (A) tissejjaħ hekk għas-sempliċi raġuni li tiġi l-ewwel waħda mit-tliet taqsimiet. Din tinbena madwar tema ewlenija; (B) tifforma t-tieni taqsima, u b'tema differenti minn dik ta' qabilha biex toħloq kuntrast. Aktarx ukoll, li dit-taqsima jkollha temp aktar lajman, u li tista' tinvolvi xi solo fuq strument u/jew vuċi/jiet; u (A$^{1}$), li bħala t-tielet taqsima tista' tkun waħda minn dat-tnejn: (a) A (i.e. replika eżatta tal-ewwel taqsima), jew aħjar (b) A$^{1}$ (i.e. waħda li toqrob ħafna lejn taqsima A). B'hekk, minħabba r-ripetizzjoni ta' A jew A$^{1}$ fit-tielet taqsima, B tispiċċa tinqabad bejnet dażżewġ taqsimiet kważi identiċi, u allura l-forma ternarja tifforma ruħha.

It-tabella t'hawn taħt turi kif inhi mqassma eżatt l-Antifona Virgo Prudentissima, li b'kollox fiha 88 battuta, imqassmin kif ġej: A = b. 01-39 = 39 battuta; B = b. 40-49$^{3}$ = 10 battuti; A$^{1}$ = 49$^{4}$-88 = 39 battuta, fejn ebda taqsima mhi replikata. Wieħed jinnota li ż-żewġ taqsimijiet fuq kull naħa tal-Largo fihom l-istess ammont ta' battuti, u



Parti tal-*Guida*. Ritratt ħajr lil Mro. Tony Pace

li allura jpoġġi 'l dil-antifona fi stil Klassiku, fejn is-simetrija u l-bilanċ huma żewġ ingredjenti tassew importanti f'dik li hi struttura mużikali. Bħala tonalità, Camilleri għażel id-Do Maġġuri, li bħala lewn jissimbolizza l-bjuda safja u l-ġilju jfewwaħ tal-istess Verġni Marija. F'taqsima B, dil-kjavi teqleb għal waħda minuri, iżda mal-miġja tal-Primo Tempo terġa' tmur lura mill-ewwel għall-istess waħda li tkun bdiet biha. Bħala sinjal ta' miżura nsibu erba' semiminimi f'kull battuta, u għad li fil-bidu tax-xogħol it-temp mhux immarkat, wieħed jassumi li huwa xi ftit mgħaġġel u ferrieħi (Allegro):

| Taqsima | Temp | Battuti | Deskrizzjoni | |
|---|---|---|---|---|
| A | *(Allegro)* | $01$-$08^{3}$ | Introduzzjoni | Orkestra |
| | | $08^{4}$-$16^{2}$ | Sentenza 1 (l-ewwel parti) | Tutti |
| | | $16^{3}$-$24$ | Sentenza 1 (it-tieni parti) | Vuċijiet/orkestra |
| | | $25$-$36^{3}$ | Sentenza 2 | Tenur Solo/kor/orkestra |
| | | $36^{4}$-$39$ | Koda | Orkestra |
| B | *Largo* | $40$-$49^{3}$ | Sentenza waħda | Tenur solo |
| A$^{1}$ | *Primo Tempo* | $49^{4}$-$57^{2}$ | Sentenza 1 (l-ewwel parti) | Tutti |
| | | $57^{3}$-$65^{3}$ | Sentenza 1 (it-tieni parti) | Vuċijiet/orkestra |
| | | $65^{4}$-$77^{1}$ | Sentenza 2 | Bassi/kor/orkestra |
| | | $77^{2}$-$80^{1}$ | Grupp kadenzjali | Orkestra |
| | | $80^{2}$-$83^{2}$ | | Tutti |
| | | $84^{4}$-$88$ | Koda | Orkestra |

Taqsima A (b. 01-39): Peress li fil-bidu tal-mużika ma kellix immarkat it-temp, dan qgħedtu fil-parentesi; ħafna drabi l-antifoni jibdew b'dal-mod allegruż. L-ewwel parti fiha 39 battuta, fejn is-soltu l-għadd tagħhom ikun aktarx dejjem biż-żewġ biex ikun konformi mal-istil klassiku. L-antifona tiftaħ bis-soltu tmien battuti li fihom tiġi mill-ewwel introdotta t-tema ewlenija (Eż. 1). Is-sentenza li tiġi warajha qsamtha f'żewġ partijiet peress li fl-ewwel tmien battuti kulħadd jidħol ikanta (tutti). Iżda fit-tieni parti tas-sentenza l-affarijiet jinbidlu xi ftit peress li hemm alternanza spissa bejn il-kant tal-vuċijiet u d-daqq tal-orkestra kif ġej: b. $16^3$-$19^1$ = orkestra; b. $19^2$-$20^3$ = vuċijiet; b. $20^2$-$21^1$ = orkestra; b. $21^2$-$24^1$ = vuċijiet; b. $24^2$-$24^4$ = orkestra. Infatti fl-antik ħafna, l-antifoni kienu jinħadmu b'dal-mod fl-istil Gregorjan, deskritt bħala antifonali, fejn il-parti l-waħda talterna mal-oħra bħal f'ċaqlembuta. F'sentenza 2, ix-xogħol ukoll jinqasam fi bċejjeċ iżgħar: b. 25-$28^3$ jidħol ikanta t-tenur waħdu, jiġi dlonk imwieġeb mill-orkestra f'b. $28^4$-30, biex b'hekk tinħoloq frażi ta' sitt battuti. Fit-tieni parti tas-sentenza mbagħad, li hija wkoll tal-istess tul, jidħlu l-vuċijiet kollha, aktarx is-solisti flimkien mal-kor. Minn hemm il-mużika tmur għall-koda f'b. $36^2$-39, bit-temp inaqqas minn ġirjietu bi tħejjija għal-Largo li jiġi wara.







Taqsima B (b. 40-$49^3$): Dit-taqsima hija qsajra peress li tikkomprendi biss sentenza waħda t'għaxar battuta, jew aħjar, sentenza normali ta' tmien battuti, estiża bi tnejn oħra li jservu ta' żvilupp ċkejken terminali, bi tħejjija għar-rikapitulazzjoni ($A^1$) li tiġi wara. Il-kuntrast bejnha u bejn l-ewwel taqsima huwa wieħed kbir, kemm f'dik li hi bidla fit-temp, minn wieħed mgħaġġel għal wieħed li jkaxkar (Largo), kemm f'dik li hi tonalità, minn Do Maġġuri għal Do Minuri[27], fejn il-mużika qalbha tiswied, kemm f'dak li hu stil - għall-anqas minn dak li nista' nilmaħ fil-melodija, li jxaqleb sewwa lejn dak Mozartjana, minħabba l-appoġġjaturi li fiha fl-ewwel nofs tas-sentenza (Eż. 2), u l-użu tas-sinkope[28] fil-ħames battuta - kif ukoll fil-mod klassiku ta' kif titqassam formalment is-sentenza, fejn għandek żewġ frażijiet, kull waħda suddiviża fi tnejn iżgħar, u bit-tieni waħda twieġeb għall-istqarrija li tkun intgħamlet minn dik ta' qabilha. Fl-estensjoni wkoll, insibu ħjiel ta' kadenza[29] ċkejkna fi stil xi ftit antifonali bejn is-solista u l-orkestra, fejn it-tenur jagħlaq bis-Sol twila fuq fit-tieni ottava, qabel ma jaqa' għall-oħra tmien noti taħtha, bit-tnejn li huma b'kuruna fuq rashom, biex minn hemm l-antifona tidħol mill-ewwel fil-fażi re-espożizzjonali ($A^1$). Hawn mhux se noqgħod nidħol f'wisq dettall f'dik li hi binja melodika; biss ngħid li ż-żewġ frażijiet iż-żgħar tal-bidu (b. 40-1+42-3) għandhom l-istess disinn, bit-tnejn jibdew b'qabża fin-noti, liema intervall insibuh ukoll fil-frażi li tiġi eżatt warajhom (b. 44-5). Ir-raba' u l-aħħar frażi (b. 46-7) hija magħmula minn sitt semiminimi, u li armonikament tagħlaq b'kadenza[30] miftuħa. L-estenzjoni taqbad tlieta minnhom (Mib-Re-Do), u tirrepetihom f'valuri iqsar, daqslikieku kien xi diwi.

Taqsima $A^1$ (b. $49^4$-88): Dit-taqsima ma jistax li ma tkunx tixbah lill-ewwel waħda, tant li b. $8^4$-$16^2$ = $49^4$-$57^2$. Madankollu, it-tieni parti tas-sentenza (b. $57^3$-$65^3$) ma timmodulax bħal f'b. $16^3$-24, imma tibqa' fl-istess tonalità bħalma s-soltu jiġri fl-ewwel moviment ta' xi sonata jew sinfonija[31]. Fit-tieni sentenza wkoll (b. $65^4$-$77^1$), id-darba nsibu 'l-Baxxi (b. $65^4$-$69^3$) minflok lit-Tenur solo, segwiti mill-orkestra (b. $69^4$-71), fejn hawn it-temp jibda jitħarrek bil-mod il-mod (Più Mosso), u t-Tutti f'b. 72-$77^1$, bit-temp dejjem iżid f'ġirjietu minn b. 74 `il quddiem (Mosso). Dan kollu jibda jqarribna lejn l-għeluq tal-antifona, bl-aħħar interventi qosra tal-orkestra (b. $77^2$-$80^1$), imbagħad tal-kor (b. $80^2$-$83^2$), u finalment tal-orkestra (b. $84^4$-88) permezz tal-Koda, li fiha

normalment it-temp jaċċelera sewwa għal tmiem mill-aktar eċċitanti, aktarx imsieħeb miċ-ċapċip qawwi min-naħa tal-ammiraturi.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Gudjani fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Marija Assunta li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fil-Gudja.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

**REFERENZI u NOTI**

1 Il-kant gregorjan normalment jintuża għall-kant tal-knisja u mingħajr akkumpanjament ta' xejn skont ir-riforma ta' Papa Gregorju l-Ewwel, liema kant għadu jintuża fil-Knisja Kattolika sal-lum.

2 Patri Raniero Zammit ukoll jagħti l-istess data (Profili Bijografiċi ta' Slimiżi Magħrufin, 2003). Iżda skont Herbert Naudi, Ferdinando twieled l-għada (Banda Stella Maris Mitt Sena ta' Storja, 2014). Aktarx li Dandu twieled fid-29 u tgħammed l-għada fit-30 t'April.

3 Skont Robert Mifsud Bonnici (Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum, 1951) Ċensu kien klarinettista di concerto fl-Orkestra tan-Navy. Aktar tard laħaq Direttur ta' diversi baned Maltin. Kien ukoll kompożitur.

4 Tagħrif mogħti minn Naudi. N. Zammit jagħti Grazzja bħala isem l-omm. (https://www.freewebs.com/storja/iddinastijacamilleri.htm)

5 Għal xi żmien kien joqgħod ukoll fi Triq Falzon, f'Tas-Sliema stess (Fsadni, 2014).

6 Ismu ġieli nsibuh mniżżel ukoll bħala Ferdinandu, Dandru, jew Dandu.

7 Dil-Polka (tip ta' żifna Skandinava, t'oriġini Pollakka, u ġejja mill-Mażurka), flimkien mal-Galopp, żgur li huma żewġ xogħlijiet bikrin tiegħu li huwa kiteb meta kellu biss 15-il sena.

8 Dax-xogħol, ikkaratterizzat mir-ritmu qabbieżi tal-galopp, m'għandux isem, forsi wkoll għax il-kompożitur ma kienx tah wieħed. Skont Naudi, Ferdinandu ddedikah lil ċertu Paolo Cutajar li għamel offerta għat-tiswija tat-Teatru Rjal wara li kien inħaraq fil-lejl tat-Tnejn, 26 ta' Mejju, 1873, waqt kunċert tal-Opra ta' Mro. Giuseppe Privitera, kompożitur Sqalli, bl-isem ta' 'La Vergine del Castello'. Hawn wieħed irid jgħid, li Ferdinandu kien idoqq il-flawt mal-orkestra ta' dat-teatru; liema karriera damet tletin sena sħaħ.

9 Dwar dil-kelma kont ktibt hekk fl-artiklu li jittratta s-Sinfonia 'Un Saluto A Malta' ta' Mro. Willie Attard (Società Filarmonica 'La Vittoria' tal-Mellieħa – Festa Marija Bambina 2015 – pp. 159-163): 'Xi tkun sinfonia? Din hija kelma oħra għal 'overtura', dik li bl-Ingliż insejħulha overture, jiġifieri dik il-mużika li tindaqq qabel ma tibda xi opra, ballett, oratorju, jew xi esekuzzjoni vokali oħra kbira. L-overtura Taljana kienu jsibuha b'dal-isem għax il-kelma fiha nnifisha tfisser 'daqq fl-assjem'. Kien Alessandro Scarlatti, kompożitur ċelebri Taljan tas-seklu 17, li beda jħaddimha għall-ewwel darba fl-opri tiegħu. Is-sinfonia kienet tikkonsisti f'biċċa mużika fi tliet taqsimiet u b'tempijiet differenti biex jikkuntrastaw. Illum-il ġurnata, b'overtura nifhmu wkoll dik l-introduzzjoni orkestrali ta' ftit minuti qabel xi operetta, jonkella kummiedja jew film mużikali li fiha jindaqqu truf mit-temi ewlenin. Dan jgħin biex l-ispettatur jidħol aktar malajr fl-atmosfera tal-ispettaklu.

10 Naudi jsemmi dis-sinfonija bla ma jtiha data, iżda jgħid li dax-xogħol orkestrali ndaqq għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-ajruport il-ġdid tal-Gudja. Dis-sinfonija poġġejtha bejn it-tnejn l-oħra peress li ġġib in-numru 4. Dan ifisser ukoll, li bħalha jeżistu oħrajn bin-numri 1 u 2, kif ukoll bin-numru 5, li tagħhom m'għandna ebda dettall.

11 Inkitbu fl-okkażjoni tal-ewwel quddiesa ta' Dun Indrì Mifsud li saret fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. Skont Vella Bondin, jidher li Ferdinando daħħal l-istess xogħol f'dik ta' Dun Pawl Vella Mangion fil-knisja ta' Stella Maris fl-1891.

12 Did-data preċiża jagħtihielna Salvu Spiteri fil-ktieb 'L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex', Vol. 2, p. 208, fejn jgħidilna wkoll li dan l-Innu nkiteb għall-okkażjoni tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura ta' dik is-sena. Dakinhar tal-programm, il-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa tmexxiet mill-aħwa Gavinu u Ferdinandu.

13 Fuq versi bit-Taljan tal-Luqi Francesco Ferdinandu Azzopardi.

14 Skont Naudi, dax-xogħol kien indaqq fl-24 ta' Marzu, iżda skont N. Zammit, dal-istess xogħol kien gie esegwit fis-17 t'April fil-Knisja tal-Frangiskani Minuri Konventwali tal-Belt Valletta fl-okkazjoni tal-festa tal-Kwaranturi.

15 Skont N. Zammit, din l-antifona kienet inkitbet għall-parroċċa ta' Stella Maris.

16 Oriġinarjament, dil-antifona hija ta' Ferdinando. Ibnu Giuseppe kien żidilha parti fin-nofs għal Tenur solo, biex ħadet il-forma ternarja.

17 Did-data jagħhielna Vella Bondin, li skontu din kienet indaqqet għall-ewwel darba fil-festa titulari ta' dik is-sena. (Il-Mużika ta' Malta fis-seklu Dsatax u Għoxrin, 2000).

18 Dil-quddiesa kienet ġiet approvata mill-Kummissjoni Vatikana tal-Mużika Sagra b'ittra miktuba u ffirmata minn Monsinjur Respighi, li kien wieħed mill-membri tal-Kummissjoni (Naudi, 2014).

19 Dil-quddiesa wkoll kienet ġiet approvata wara li ġiet eżaminata mill-Kummissjoni mwaqqfa mill-Arċisqof Dun Mauro Caruana O.S.B., bil-kompożitur jiddedikaha lill-E.T. Rev.issmu Mons. Arċisqof (Naudi, 2014). Dil-quddiesa solenni hija magħrufa wkoll bħala l-Quddiesa tat-Trombi peress li jidħlu jdoqqu waqt is-Sanctus.

20 Dal-Innu l-Kbir, bl-isem ukoll ta' 'Inno a B.V. Stella Maris', Ferdinandu kitbu għall-parroċċa ta' Stella Maris fuq versi ta' Mons. Paolo Vella Mangion D.D. (1868-1929), qassis tal-istess parroċċa Slimiża.

21 L-Inno di Gloria jew Innu Tifħir, jonkella sempliċiment Innu l-Kbir huwa bħal Kantata f'repertorju klassiku u jikkonsisti f'xogħol mużikali, aktarx b'tema reliġjuża marbuta mal-ħajja tal-qaddis/a li għalih/a tkun qed issir

il-festa. Xogħol simili huwa intiż għal vuċijiet solisti fi stil operistiku hekk imsejjaħ bel canto peress li fih il-kant ikun tabilħaqq floridu. Il-vuċijiet ikunu akkumpanjati minn kor magħmul, jew minn tfal (bniet u subien), jew adulti (irġiel u nisa), imma li aktarx ikantaw fl-unisonu u qajla jingħataw partijiet mużikali differenti. Peress li Innu di Gloria jindaqq barra fuq xi planċier artistiku, u mhux ġol-knisja, dan jindaqq minn banda mdaqqsa jew kbira. Bħala nisġa mużikali l-Innu di Gloria jkun imħawwar tajjeb b'passaġġi pjuttost elaborati, u li jinkludu xalata ta' arji, dwetti, saħansitra terzetti, min-naħa tal-vuċijiet solisti. Fih ma jonqsux ukoll xi solijiet jew kadenzi fuq xi strument jew ieħor u fanfarri li jannunzjaw il-miġja ta' xi waqt importanti. Xogħol bħal mhu dan jirrikjedi tip ta' melodija li bil-ksur u l-ħlewwa tagħha, tagħraf tpaxxi 'l-widna, armonija mħaddma b'tali mod li tista' toffri tiżwiq mhux tas-soltu f'dawk li huma akkordji, u orkestrazzjoni rikka biex tgħin lix-xogħol joħroġ aktar fil-perspettiva tiegħu. Ġieli wkoll, it-tħaddim tal-kontrapunt u għodod mużikali oħra ma jonqsux f'xogħol bħalma hu dan. (Tagħrif meħud mill-artiklu tiegħi, 'Sensiela Mro. Willie Attard (1899-1970): Innu Tifħir lil San Ġużepp – fl-Agunija u l-Glorja.' Programm tal-festa ta' San Ġużepp tal-Ħamrun, 2015, pp. 23-7).

22 Inkiteb speċifikament għas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard. (Saviour Dimech, L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex, 1998, p. 2).

23 Indaqq għall-ewwel darba waqt programm għall-festa ta' San Korradu. Il-mawra kienet saret fuq stedina tal-muniċipju Sqalli.

24 Jidher li dan huwa wieħed mix-xogħlijiet aħħarin ta' Ferdinando peress li hu diġà kellu mat-tmenin sena meta kitbu. Il-versi ta' dan l-Innu huma ta' Luigi Billion, u li skont ibnu Giuseppe kien wieħed mill-kapolavuri li ħalla missieru f'dik li hi melodija (Fsadni, 2014). Wara did-data, u fl-istess sena li skoppjat il-Gwerra, jidher li Ferdinando għadda t-tmexxija tal-Cappella Camilleri f'idejn ibnu.

25 It-temp li jidher fil-bidu ta' biċċa mużika, jew taqsima sħiħa tagħha, u li jkun aktarx dejjem imniżżel bit-Taljan, jindika l-veloċità li biha għandha timxi.

26 Kelma oħra għal tonalità li fuqha tkun ibbażata biċċa mużika. Fil-każ ta' din l-antifona, din qegħda in Do Maġġuri.

27 Tant hu hekk, li fl-eżempju tiegħi daħħalt it-tliet bemolli biex nuri li dit-taqsima qegħda fit-tonalità msemmija.

28 Kelma li tiddeskrivi daqq bl-iskossi. Dan jifforma ruħu meta nota taħbat b'mod li nofs il-valur tagħha jaqa' fuq il-parti forti u n-nofs l-ieħor fuq id-debboli. Nota tista' ssir sinkopata wkoll permezz tal-legatura. Mod ieħor ta' kif tista' toħloq is-sinkope hu billi iddaħħal it-twaqqif jew aspetti fuq il-parti qawwija u n-noti fuq dik dgħajfa, dak li aħna nsejħulu kontratemp.

29 Passaġġ diffiċli li fih strumentalist/kantant jesebixxi l-ħiliet tekniċi tiegħu, aktarx magħmul minn noti qosra, noti għoljin eċċ., li fi żmien il-Barokk, u anki aktar tard, kien jindaqq/jitkanta spirtu pront.

30 F'dal-każ hija progressjoni kordali li ġġib frażi f'xi tip ta' tmiem, li jista' jkun miftuħ, jekk il-mużika se tkompli sejra, jew magħluq, jekk se tagħlaq.

31 Dawn huma xogħlijiet kbar li jkun fihom erba' movimenti.


